

Brussell, 15 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0290 (COD)

9663/1/25
REV 1 ADD 1

MI 352
ENT 87
CONSOM 94
SAN 260
COMPET 449
CHIMIE 41
ENV 428
CODEC 726
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottat mill-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2025

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE¹.
2. Din il-proposta hi msejsa fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
3. Fil-5 ta' Settembru 2023, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) tal-Parlament Ewropew ħatar lil Marion Walsmann (PPE, DE) bħala rapporteur għall-proposta. Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-12 ta' Frar 2024. L-IMCO vvota dwar ir-rapport finali tiegħu dwar il-proposta fit-13 ta' Frar 2024, li ġie adottat fil-plenarja fit-13 ta' Marzu 2024.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-13 ta' Diċembru 2023².
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Sikurezza tal-Ġugarelli) beda l-eżami tal-proposta fit-3 ta' Ottubru 2023 taħt il-Presidenza Spanjola. Minn dak iż-żmien 'l hawn, saru 19-il laqgħa addizzjonali tal-Grupp ta' Ħidma taħt il-Presidenza Spanjola, Belġjana, Ungeriża u dik Pollakka.
6. Wara l-eżami tat-test taħt il-Presidenza Belġjana, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat") adotta l-mandat tal-Kunsill fil-15 ta' Mejju 2024.
7. In-negozjati interistituzzjonali bdew bl-ewwel trilogu fl-20 ta' Novembru 2024 taħt il-Presidenza Ungeriża. It-tieni u t-tielet trilogi saru fit-18 ta' Marzu u fl-10 ta' April 2025 rispettivament. Fl-aħħar trilogu fl-10 ta' April 2025, intlaħaq ftehim proviżorju bejn il-koleġiżlaturi.

¹ ST 12234/23 + ADD 1-5

² ST 17090/23

8. Il-Kumitat IMCO tal-Parlament Ewropew ivvota favur it-test maqbul fis-26 ta' Ġunju 2025. Fit-30 ta' Ġunju 2025, il-President tal-Kumitat IMCO indirizzat ittra lill-Presidenza fejn indikat li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-ftehim proviżorju ġenerali maqbul, tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.

II. OBJETTIV

9. L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li tkompli ttejjeb il-protezzjoni tat-tfal minn riskji potenzjali fil-ġugarelli, b'mod partikolari minn sustanzi kimiċi dannużi, u li ssaħħaħ l-infurzar, billi tirrikjedi, fost affarijiet oħra, li l-ġugarelli kollha jkollhom Passaport Diġitali tal-Prodotti.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq ftehim bejn il-koleġislaturi:
11. Fit-test żdiedu dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni u tas-swieq online. Dawn id-dispożizzjonijiet huma konformi ma' atti oħra tal-Unjoni bħar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, rispettivament.
12. Id-dispożizzjonijiet dwar il-Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP) huma allinjati mar-Regolament dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli. Il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tipprovdi assistenza lill-SMEs sabiex tgħinjom jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda marbuta mad-DPP. Barra minn hekk, meta d-DPP jinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa skont ċerta leġislazzjoni settorjali dwar il-prodotti, il-manifatturi jitqiesu li jikkonformaw mal-obbligu li jfasslu dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE skont dawk ir-regoli speċifiċi għas-settur.
13. L-aspett tas-saħħa mentali kif propost mill-Kummissjoni fl-Artikolu 5(2) tħassar mir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza. L-Artikolu 25 ġie ssupplimentat b'rekwiżit li l-valutazzjoni tas-sikurezza trid tqis il-vulnerabbiltajiet tat-tfal, meta l-valutazzjoni ssir fuq ġugarelli li jaqgħu taħt l-Att dwar l-IA, l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà jew id-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju.

14. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ġie ċċarat billi ġie speċifikat li ċerti kotba u tagħmir tal-paint ball ma għandhomx jitqiesu bħala ġugarelli.
15. Ġew iċċarati rekwiżiti partikolari tas-sikurezza, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell tal-ħoss li l-ġugarelli jistgħu jagħmlu, il-ġugarelli li fihom kalamiti jew partijiet manjetiċi, u l-ġugarelli li fihom il-batteriji.
16. Dwar il-proprjetajiet kimiċi tal-ġugarelli:
 - a) il-preżenza ta' ċerti sustanzi kimiċi fil-ġugarelli hija pprojbita:
 - (i) sensitizzaturi tal-ġilda tal-kategorija 1A;
 - (ii) sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) sakemm jidħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet ġenerali skont ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) jew ir-Regolament dwar pollutanti organiċi persistenti (POPs);
 - (iii) ċerti fwejjaħ allerġeniċi;
 - (iv) għaxar bisfenoli, li ġew miżjudha mal-Parti D ġdida tal-Appendiċi tal-Anness II. Din il-Parti D ser tkun ukoll taħt is-setgħa tal-Kummissjoni li temenda l-Appendiċi permezz ta' att delegat;
 - (v) nitrożammini u sustanzi nitrosatabbli fejn il-migrazzjoni ta' dawk is-sustanzi tkun ogħla mil-limiti ta' migrazzjoni stipulati fil-ftehim proviżorju;
 - b) ġew stabbiliti limiti ta' migrazzjoni għal erba' monomeri addizzjonali (klorur tal-vinil, akrilonitril, stiren, butadien);

- c) il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda l-partijiet A, B u D tal-Appendiċi tal-Anness II, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar in-nitrożammini u dwar l-erba' metalli tqal. Dawn is-setgħat delegati tal-Kummissjoni huma spjegati f'paragrafi separati għan-nitrożammini u l-metalli tqal, li jobbligaw lill-Kummissjoni l-ewwel titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA).
17. Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta atti delegati għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi għall-passaport diġitali tal-prodotti. It-test jistabbilixxi x'għandhom ikopru daww ir-rekwiżiti tekniċi u jispeċifika d-data tal-applikazzjoni ta' tali att delegat, li ma għandhiex tkun qabel 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu.
18. It-test jinkludi l-klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni għall-atti ta' implimentazzjoni kollha.
19. Il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni sa data stabbilita ta' 38 xahar wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament. Il-kontenut tar-rieżami huwa ċċarat ukoll fir-Regolament.
20. Id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid ġiet stabbilita għal 54 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

IV. KONKLUŻJONI

21. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
22. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament dwar is-sikurezza tal-ġugarelli ser jikkontribwixxi għal aktar titjib fil-protezzjoni tat-tfal minn riskji potenzjali fil-ġugarelli, b'mod partikolari minn sustanzi kimiċi dannużi, u t-tisħiħ tal-infurzar, billi jirrikjedi, fost affarijiet oħra, li l-ġugarelli kollha jkollhom Passaport Diġitali tal-Prodotti.